



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

7620/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0092 (NLE)

WTO 83
SERVICES 8
COLAC 22

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f-isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f-isem l-Unjoni,
tal-Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra,
biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,¹

¹ ĠU C...

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Jannar 2009, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim kummerċjali multipartitiku f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-Pajjiżi Membri tal-Komunità Andina li kellhom l-istess objettiv li jintlaħaq ftehim kummerċjali ambizzjuż, komprensiv u bilanċjat.
- (2) Fis-26 ta' Ġunju 2012, l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Marzu 2013 għall-Perù u mill-1 ta' Awwissu 2013 għall-Kolombja.
- (3) L-Artikolu 329 tal-Ftehim jistipula d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-adeżjoni ta' Pajjiżi Membri oħrajn tal-Komunità Andina għall-Ftehim.
- (4) Fis-17 ta' Lulju 2014 l-Unjoni Ewropea u l-Ekwador ikkonkludew in-negozjati tagħhom rigward il-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, minn naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador ("il-Protokoll").
- (5) It-test tal-Protokoll ġie approvat mill-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit bis-saħħa tal-Ftehim] fil-laqgħa tiegħu f't-8 ta' Frar 2016, kif mitlub mill-Artikolu 329(4) tal-Ftehim.

¹ ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.

- (6) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/...¹⁺, il-Protokoll ġie ffirmat fi... [*data tal-firma tal-Protokoll (ST7621/2016 INIT + ADDs 1-13)*], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data iktar tard. Il-Protokoll ġie applikat b' mod proviżorju minn ... [*data tal-applikazzjoni b' mod proviżorju tal-Protokoll*], sakemm dan jidħol fis-seħħ.
- (7) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje ta' ST 7619/2016 u kkompleta n-nota korrispondenti ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Il-Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 27(2) tal-Protokoll.²

Artikolu 3

Il-Protokoll ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

¹ Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L, ..., ..., p. ..., flimkien mad-Deċizzjoni dwar il-firma.
⁺ ĠU: Jekk jogħġbok żid ir-referenza tal-ĠU għall-Protokoll (ST 7621/2016 INIT + ADDs 1–13) fin-nota ta' qiegħ il-paġna.
² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
